



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

BRUSSELL 29/10/2010

BAĠIT ĠENERALI - 2010
TAQSIMA III – TITOLI TAL-KUMMISSJONI 27, 30

TRASFERIMENT TAL-APPROPRJAZZJONIJIET NRU **DEC 58/2010**

EUR

MINN

KAPITOLU – 3001 Nefqa amministrattiva tal-qasam ta' politika "Pensjonijiet u nefqa relatata"

ENTRATA - 30 01 14 01 Allowances għall-persunal assenjat status mhux attiv, irtirat fl-interessi tas-servizz jew imkeċċa

Mhux Diff - 2 456 108

ENTRATA - 30 01 15 03 Piżijiet u aġġustamenti għall-pensjonijiet u l-allowances

Mhux Diff - 2 000 000

LIL

KAPITOLU - 2701 Nefqa amministrattiva tal-qasam tal-politika tal-"Baġit"

ENTRATA - 27 01 12 02 Kopertura tan-nefqa mġarrba b'rabta mal-ġestjoni tat-teżor

Mhux Diff 4 456 108

I. ŻIEDA

a) Intestatura

27 01 12 02 Kopertura tan-nefqa mġarrba b'rabta mal-ġestjoni tat-teżor

b) Ċifri fil-15/10/2010

	Mhux Diff
1A. Approprjazzjoni fil-baġit (baġit inizjali + BE)	p.m.
1B. Approprjazzjoni fil-baġit (EFTA)	0
2. Trasferimenti	0
<hr/>	
3. Approprjazzjoni finali għas-sena (1A+1B+2)	0
4. Użu tal-approprjazzjoni finali	0
<hr/>	
5. Ammont mhux użat/disponibbli (3-4)	0
6. Rekwiżiti sal-aħħar tas-sena	4 456 108
7. Żieda proposta	4 456 108
8. Żieda bħala persentaġġ tal-approprjazzjoni fil-baġit (7/1A)	Mhux disponibbli
9. Żieda, bħala persentaġġ tal-approprjazzjoni finali għas-sena, fis-somma tat-trasferimenti imsemmija fl-Artikolu 23(1)(b) u (c) tar-Regolament Finanzjarju, ikkalkulat skont l-Artikolu 17a tar-regoli ta' implimentazzjoni	Mhux disponibbli

c) Irċevuti minn irkupru (trasferiti) (C5)

	Mhux Diff
1. Approprjazzjoni disponibbli fil-bidu tas-sena	0
2. Approprjazzjoni disponibbli fil-15/10/2010	0
3. Rata ta' użu [(1-2)/1]	Mhux disponibbli

d) Raġunijiet dettaljati għaż-żieda

Aġġustamenti tal-ammonti li jridu jitħallsu minn kont mhux baġitarju fil-qafas tal-każ FORTIS/PROMDEI (3.056 M€)

Iż-żieda mitluba hi maħsuba biex tipprovdi kopertura baġitarja tal-aġġustament tal-kontabilità tal-ammonti li jridu jitħallsu minn kont mhux baġitarju fil-qafas tal-każ FORTIS/PROMDEI (EUR 3 056 107,09). Il-kont ikkonċernat jista' jingħalaq peress li f'Diċembru 2008, il-Kummissjoni stabbilixxiet Ordni ta' Rkupru negattiv li jħassar it-talba fuq FORTIS wara li l-Qorti ta' Prim Istanza fi Brussell ħarġet sentenza li l-avukat tal-Kummissjoni u s-Servizz Legali ma raw l-ebda raġuni li jappellaw kontriha

Il-pagamenti li saru fl-1998 mill-kont tal-Kummissjoni mal-GENERALE DE BANQUE (li iktar tard sar FORTIS, u wara BNP PARIBAS FORTIS) ma kienux irċevuti kollha mill-benefiċjarju f'Sarajevo, li hu attiv fis-settur tal-għajnuna umanitarja, minħabba imġieba mhux xierqa minn banek intermedjarji magħżula mill-GENERALE DE BANQUE : PROMDEI BANKA ZAGREB u PROMDEI BANKA SARAJEVO.

FI-10 ta' Marzu 1999, fuq il-bażi ta' konsulenza legali, inħareġ Ordni ta' Rkupru kontra GENERALE DE BANQUE u intbagħtitlu ittra ta' avviż formali għar-rimborż tas-somma ta' EUR 3 056 107.09 qabel il-31 ta' Marzu 1999. Sabiex ma tippenalizzax il-benefiċjarju, u sakemm tistenna t-tlestija tal-proċedura ta' rkupru, fis-17 ta' Marzu 1999 il-Kummissjoni ħallset għat-tieni darba l-pagament li ma sarx (EUR 3 056 107,09) u ħallsitu minn kont mhux baġitarju. Il-benefiċjarju kkonferma li rċieva dawn il-fondi.

Minkejja li għall-ewwel GENERALE DE BANQUE deher li kien lest li jħallas lura lill-Kummissjoni, hu mbagħad biddel kompletament il-pożizzjoni tiegħu. Bejn l-1999 u l-2005 kien hemm diversi kuntatti ma' GENERALE DE BANQUE u banek intermedjarji. Madankollu, deher illi ż-żewġ banek PROMDEI daflu f'likwidazzjoni. Għal PROMDEI BANKA ZAGREB, ġie kkonfermat li ma kienx għad baqa' assi likwidi u li ma kienx hemm biżżejjed assi oħra biex jitħallsu l-kredituri tal-ewwel kategorija.

L-Uffiċċju ta' Kontabilità tal-Kummissjoni mbagħad talab lis-Servizz Legali biex jibda proċedura għall-"irkupru permezz ta' kwalunkwe mezz ipprovdut mil-liġi" kontra FORTIS u fl-2006 l-avukat tal-Kummissjoni bgħat ittra oħra ta' avviż formali. F'Ġunju 2007, FORTIS ippropona bħala soluzzjoni tranżitorja l-pagament tal-bilanċ tal-kont EUR 689 675. Din il-proposta ma ġietx aċċettata mill-Kummissjoni u f'Ottubru 2007 introduċiet talba għal titolu li jista' jkun infurzat kontra FORTIS quddiem il-Qorti ta' Prim' Istanza ta' Brussell. Fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Novembru 2008, il-Qorti rrifjutat it-talba tal-Kummissjoni. Minħabba r-raġunijiet stipulati fis-sentenza, l-avukat tal-Kummissjoni u s-Servizz Legali kkunsidraw li appell ma jkunx xieraq.

Wara dawn l-opinjoni, f'Diċembru 2008 inħareġ Ordni ta' Rkupru negattiv ta' EUR 3 056 107.09 li jħassar it-talba fuq FORTIS minħabba "żball tal-liġi". Dan it-trasferiment se jippermetti l-aġġustament tal-kontabilità tal-ammont imħallas mill-kont mhux baġitarju. Din in-nefqa tikkorrisponi għal-linja 27 01 12 02 li l-kumment baġitarju tagħha jipprovdni l-kopertura tal-"aġġustamenti baġitarji (...) f'sitwazzjonijiet fejn talba sħiħa jew parti minnha tiġi kkanċellata wara li tkun ġiet imniżżla fil-kontijiet bħala dħul (b'mod partikolari fil-każ ta' tpattija ta' dejn)"

Aġġustamenti ta' ammonti f'kontijiet ta' sospensjoni f'delegazzjonijiet (EUR 1.4 miljuni)

Fil-qafas tal-azzjonijiet magħhuda relatati mal-pjan ta' azzjoni ta' kwalità tal-kontabilità u l-grupp ta' ħidma għat-twaqqif tas-Servizz Ta' Azzjoni Esterna Ewropew (EEAS), id-delegazzjonijiet ġew mitluba biex jirregolarizzaw l-entrati qodma kollha fil-kontijiet ta' sospensjoni. Din l-azzjoni ppermettiet aġġustament ta' numru kbir ta' entrati miftuħa.

Madankollu għad hemm numru ta' entrati qodma miftuħa li għalihom l-aġġustament f'perjodu qasir jidher li hu problematiku. Dan għandu diversi raġunijiet possibbli: Każijiet fejn l-irkupru sar fil-passat iżda mingħajr aġġustament ta' kontabilità proprju, każijiet fejn il-problemi biex isolvu tilwim ma' awtoritajiet lokali (speċjalent għal VAT) ma jippermettux soluzzjoni rapida u aġġustament tal-kontabilità, u każijiet fejn l-irkupru issa huwa dubbjuż, anke jekk mhux eskluż.

Għal dawn il-każijiet se jkun diffiċli li jkun hemm regolarizzazzjoni tal-kontabilità. Għandu jkun innutat b'mod ċar li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, anke jekk l-ammont pendenti jitħallas mil-linja baġitarja 27 01 12 02 fl-2010, id-delegazzjonijiet mhux se jċedu l-intitolament tagħhom li jirkupraw flejjes fil-futur bħala dħul fil-baġit.

Fuq il-bażi ta' din ir-reviżjoni, ċerti ammonti ġew identifikati li huma irrekuperabbli. It-trasferiment ta' EUR 1.4 miljuni hu maħsub biex ikopri l-aġġustamenti baġitarji għal dawn l-ammonti. L-ispegazzjoni ta' dawn iċ-ċirkustanzi differenti tingħata hawn taħt.

- Depożiti u garanziji li tħallsu qabel, primarjament fil-kuntest tal-kiri ta' bini iżda wkoll depożiti mhux tal-kera (EUR 0.3 miljuni):

Depożiti: Ir-reviżjoni identifikat madwar 210 entrata ta' nefqa antiki ħafna fejn minħabba l-età tal-oġġetti, issa huwa diffiċli ħafna biex tiġi identifikata d-dokumentazzjoni relatata ma' dawn id-depożiti u/jew l-ammonti rilevanti huma kkunsidrati immaterjali. Ħafna jirrilataw mad-depożiti marbuta mal-kuntratti għall-forniment ta' linji tat-telefons, elettriku, jew ilma fid-delegazzjonijiet li spiċċaw xi żmien ilu.

Garanziji tal-kera: Ir-reviżjoni enfasizzat madwar 40 ammont relatati mal-garanziji li diġà tħallsu lura permezz ta' tnaqqis tal-kera pagabbli fl-aħħar tal-kuntratt. Dan fisser li l-entrati ta' kontabilità meħtieġa ma sarux f'dan iż-żmien u għalhekk l-entrata ta' kontabilità baqgħet miftuħa anke jekk il-kuntratt u l-garanzija m'għadhomx jeżistu. Għandu jkun innutat li l-kera kkonċernata ma tħallsitx mill-baġit li kienet ikkompensata mill-garanzija.

- Il-każijiet fejn il-VAT ma ġiex irkuprat mid-delegazzjonijiet (EUR 0.7 miljuni):

Dawn il-każijiet jirrilataw ma' 1,600 entrata miftuħa tal-VAT imħallsa mid-delegazzjonijiet dwar diversi nefqiet fejn il-flejjes għadhom ma ġewx irkuprati. Skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolament Finanzjarju, il-VAT m'għandux jitħallas mill-Baġit u skont l-Artikolu 15 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni, minflok, il-VAT irid ikun ikkunsidrat f'kont ta' sospensjoni (bħal dan) sakemm il-flejjes fl-aħħar jitħallsu lura mill-awtoritajiet rilevanti. Id-delegazzjonijiet ikkonċernati qed isegwu jew jinnegożjaw mal-awtoritajiet kompetenti dwar ir-rimborż, iżda minħabba l-età tal-ammonti, l-irkupru jidher li hu dubbjuż.

- Nefqa oħra li tibqa' mhux regolarizzata (EUR 0.4 miljuni):

Din tkopri madwar 2,000 entrata miftuħa f'sitt kontijiet ta' sospensjoni fejn in-nefqa amministrattiva intefqet iżda ma ġietx regolarizzata. L-entrati inklużi hawnhekk immorru lura għas-sena 2000 u jirrappreżentaw 0.3% biss tat-total tal-input tan-nefqa f'dawn il-kontijiet matul dak il-perjodu. Minħabba l-età tal-entrati, huwa diffiċli ħafna li tiġi identifikata d-dokumentazzjoni relatata ma' dawn l-entrati u li jiġu definiti liem linji baġitarji għandhom jitħallsu bir-regolarizzazzjonijiet baġitarji meħtieġa.

Eżempji ta' tipi ta' nefqa amministrattiva inklużi huma:

- Flas bil-quddiem għal nefqiet f'delegazzjonijiet marbuta mal-missjonijiet tal-persunal ibbażat fi Brussell
- Spejjeż relatati ma' spejjeż tal-bank, spejjeż tal-posta, elettriku, spejjeż tat-telekomunikazzjoni, fornimenti tal-fjuwil, ippubblikati ħażin fil-kontijiet ta' sospensjoni
- Spejjeż marbuta ma' ħlasijiet bil-quddiem għax-xiri ta' servizzi tal-ivvjaġġar, assistenza medika, servizzi tal-midja, jew ġenerati minn delegazzjonijiet preċedenti.

Id-dipartimenti tal-kontabilità tal-Kummissjoni u tal-EEAS qed jimplimentaw kontrolli dettaljati u approvazzjoni regolari tal-kontijiet ta' sospensjoni sabiex jillimitaw ir-riskju ta' regolarizzazzjoni tard.

II. TNAQQIS

II.A

a) Intestatura

30 01 14 01 Allowances għall-persunal assenjat status mhux attiv, irtirat fl-interessi tas-servizz jew imkeċċa

b) Ċifri fil-15/10/2010

	Mhux Diff
1A. Approprjazzjoni fil-baġit (baġit inizjali + BE)	11 230 000
1B. Approprjazzjoni fil-baġit (EFTA)	0
2. Trasferimenti	0
<hr/>	
3. Approprjazzjoni finali għas-sena (1A+1B+2)	11 230 000
4. Użu tal-appropriazzjoni finali	7 230 000
<hr/>	
5. Ammont mhux użat/disponibbli (3-4)	4 000 000
6. Rekwiżiti sal-aħħar tas-sena	1 543 892
7. Tnaqqis propost	2 456 108
8. Tnaqqis bħala persentaġġ tal-appropriazzjoni fil-baġit (7/1A)	21.87%
9. Tnaqqis, bħala persentaġġ tal-appropriazzjoni finali għas-sena, fis-somma tat-trasferimenti imsemmija fl-Artikolu 23(1)(b) u (c) tar-Regolament Finanzjarju, ikkalkulat skont l-Artikolu 17a tar-regoli ta' implimentazzjoni	Mhux disponibbli

c) Irċevuti minn irkupru (trasferiti) (C5)

	Mhux Diff
1. Approprjazzjoni disponibbli fil-bidu tas-sena	0
2. Approprjazzjoni disponibbli fil-15/10/2010	0
3. Rata ta' użu $[(1-2)/1]$	Mhux disponibbli

d) Raġunijiet dettaljati għaż-żieda

EUR 2.456 miljuni huma disponibbli fuq din il-linja minħabba li:

- Il-previżjonijiet baġitarji għan-nefqa relatata mal-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1746/2002 tat-02/09/2002 li jintroduċi, fil-kuntest tar-riforma tal-Kummissjoni, miżuri speċjali biex jittterminaw l-impjeg ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej appuntati għal post stabbilit fil-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej huma bbażati fuq l-età massima għat-tranżizzjoni minn din is-sitwazzjoni għal dik ta' rtirar. Madankollu, il-persuni kkonċernati għandhom il-possibbiltà li jirtiraw fi kwalunkwe żmien, b'hekk l-appropriazzjonijiet ikunu disponibbli.
- In-numru ta' persuni li se jtemmu l-impjeg tagħhom fl-interess tas-servizz (Artikoli 41 u 50 tar-Regolamenti tal-Persunal hu inqas minn dak mistenni fil-baġit għall-2010.

II.B

a) Intestatura

30 01 15 03 - Piżijiet u aġġustamenti għall-pensjonijiet u I-allowances

b) Ċifri fil-15/10/2010

	Mhux Diff
1A. Approprjazzjoni fil-baġit (baġit inizjali + BE)	44 897 000
1B. Approprjazzjoni fil-baġit (EFTA)	0
2. Trasferimenti	0
<hr/>	
3. Approprjazzjoni finali għas-sena (1A+1B+2)	44 897 000
4. Użu tal-approprjazzjoni finali	41 697 000
<hr/>	
5. Ammont mhux użat/disponibbli (3-4)	3 200 000
6. Rekwiżiti sal-aħħar tas-sena	1 200 000
7. Tnaqqis propost	2 000 000
8. Tnaqqis bħala persentaġġ tal-approprjazzjoni fil-baġit (7/1A)	4.45%
9. Tnaqqis, bħala persentaġġ tal-approprjazzjoni finali għas-sena, fis-somma tat-trasferimenti imsemmija fl-Artikolu 23(1)(b) u (c) tar-Regolament Finanzjarju, ikkalkulat skont l-Artikolu 17a tar-regoli ta' implimentazzjoni	Mhux disponibbli

c) Irċevuti minn irkupru (trasferiti) (C5)

	Mhux Diff
1. Approprjazzjoni disponibbli fil-bidu tas-sena	0
2. Approprjazzjoni disponibbli fil-15/10/2010	0
3. Rata ta' użu [(1-2)/1]	n/a

d) Raġunijiet dettaljati għaż-żieda

L-approprjazzjonijiet fil-PDB għall-2010 biex ikopru l-impatt tal-piżijiet għall-pensjonijiet kienu stmati fuq il-piżijiet fis-seħħ fil-bidu tal-2009 (f'konformità mal-aġġustament adottat fl-aħħar tal-2008). Minħabba l-kriżi finanzjarja u t-tendenza f'ċerti rati ta' skambju, b'mod partikolari dak tal-isterling, l-aġġustament għall-piżijiet adottat fl-aħħar tal-2009 kienu iżjed baxx minn dak ipprovdut fil-kalkolu tal-approprjazzjonijiet għall-2010. EUR 2.0 miljuni huma għalhekk disponibbli f'din il-linja baġitarja.